**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

Illum, 14 ta' Lulju 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-VS-**

**David Benjamin Bertrand**
**(K.I. Nru. 161002400035)**

**Hidara Yahya**
**(K.I. Nru. 24AP96336)**

**Zaccaria Farsoui**
**(K.I. Nru. Y4C82V654)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **David Benjamin Bertrand** ta' wieħed u għoxrin sena (21) sena, iben Alain Bertrand u Corinne Akouete ta' Nazzjonalità Franċiża, imwieled Senlis Franza, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tal-elfejn u tlieta (2003), bla indirizz fiss ġewwa Malta, detentur tal-karta tal-identità Franċiża bin-numru 161002400035, u **Hidara Yahya** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Hidara Mohammed u Qosaberi Kaddouj, ta' Nazzjonalità Taljana, imwieled Urbino l-Italja, nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju tal-elfejn u tlieta (2003), bla indirizz fiss ġewwa Malta, detentur tal-Passaport Taljan bin-numru YC0287611, u **Zaccaria Farsaoui** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, iben Salah Farsaoui u Souad Enabbar, ta' Nazzjonalità Franciza, imwieled

Mirano l-Italja, nhar it-tlettax (13) ta’ Frar tal-elfejn (2000), bla indirizz fiss ġewwa Malta, detentur tal-karta tal-identità Franċiża bin-numru Y4C82V654, akkużati talli fis-sigħat bikrin tat-tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), *ossia* bejn is-sagħtejn (02:00) u l-erbgħa (04:00) ta’ filgħodu, ġewwa triq ta’ Gianpula, Limiti ta’ Ħaż-Żebbuġ, u/jew f’bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta’ ħaddieħor f’periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ **Youssef Saidi** hekk kif iċċertifikat minn Dr Gwendolyn Amanda Johnson Med Reg numru 8311.

2. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b’xi mod ieħor mhux imsemmi band’oħra f’dan il-Kodiċi, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta’ **Youssef Saidi** u dan billi toħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkużati **David Benjamin Bertrand, Hidara Yahya** u **Zaccaria Farsaoui** ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kienet mitluba li f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, sabiex tħaddem kontra l-ħatja l-artikolu 15A, kif ukoll kull artikolu ieħor li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittma tar-reati relattivi;

Il-Qorti kienet mitluba li f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex, f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-akkużat d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużati rreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħataw żmien xieraq sabiex, jekk jridu, jerġgħu lura minnha.

Semgħet lill-akkużati jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li nhar it-13 ta' Lulju 2025 għal-ħabta tas-02:15hrs, il-Pulizija ta' l-Għassa tas-Siġġiewi irċevew telefonata mingħand l-parte ċivile Youssef Saidi li stqarr li waqt li huwa kien qiegħed ġewwa Gianpula kien ġie aggredit minn 3 persuni. Il-pulizija marru fuq il-post fejn kellmu lill-parte ċivile li deher li kellu ġrieħi fuq imnieħru u kien anke jidher li ma' setax iqum bil-wieqfa għax qal li riżultat ta' l-inċident huwa kien fekkek l-għaksa. Il-pulizija ġew infurmati mis-*securities* li kienu raw lil min aggredixxa lill-parte ċivile, jaħarbu minn fuq il-post. Fil-pront il-pulizija marru warajhom u arrestaw li wieħed minnhom li ġie identifikat bħala l-akkużat Hidara Yahya. Wara, Hidara Yahya ttieħed l-Għassa u ġie eskortat lejn l-appartament tiegħu fejn żewġ barranin avviċinaw il-vettura tal-pulizija sabiex jippruvaw ikellmuh. Intalbu jippreżentaw dokument ai fini ta' identifikazzjoni u ġew identifikat bħala David Benjamin Bertrand u Zaccaria Farsaoui. Huma pprovdew id-dokumenti u stqarru li l-ġurnata ta' qabel, fil-għaxija, huma kienu ma' Hidara Yahya. Huma ġew arrestati u ttieħdu l-Għassa.

Illi l-akkużati ammettew l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħhom, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużati, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużati għandhom Fedina Penali nadifa u din hija l-ewwel darba li huma xellfu difrejnhom mal-liġi. Jirriżulta ukoll li l-akkużati kkowoperaw bis-sħiħ mal-pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom. Miċ-ċertifikat mediku eżebit irriżulta li l-parte ċivile sofra ksur minimu f' imnieħru. Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni effettiva.

## Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 15A,17, 31, 214, 215, 216, 338(dd), 382, 383, 384, 385, 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom, qed issib lil **David Benjamin Bertrand, Hidara Yahya** u **Zaccaria Farsaoui <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u qed tikkundannahhom għal **tmientax-il (18) xahar** priġunerija u, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum, huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużati a favur ta' **Youssef Saidi** għall-perjodu ta' tlett (3) snin li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huma, jew min minnhom, jikkommettew, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**